

Brussell, 27 ta' Frar 2026
(OR. en)

6142/26

ESPACE 24
RECH 54
COMPET 164
IND 103
TRANS 60
AVIATION 20
MAR 22
TELECOM 61
CSC 95
CSDP/PSDC 79
COEST 117

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna
li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna
fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni
u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura,
u għall-aċċess għas-servizzi ta' GOVSATCOM
u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189(2), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 7(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (ir-“Regolament dwar l-Ispazju”) jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, soġġett għal ftehim li għandu jiġi konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Ispazju jipprevedi li pajjiżi terzi jistgħu jitħallew ikollhom aċċess għas-servizzi ta' GOVSATCOM dment li jikkonkludu ftehim f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE u li jikkonformaw mal-Artikolu 43 ta' dak ir-Regolament.
- (2) L-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² (ir-“Regolament dwar il-Konnettività Sigura”) jipprevedu l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, soġġett għal ftehim li għandu jiġi konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE. L-Artikolu 40 tar-Regolament dwar il-Konnettività Sigura jipprevedi li pajjiżi terzi jista' jkollhom aċċess għas-servizzi governattivi dment li jikkonkludu ftehim, f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għas-servizzi governattivi, u li jikkonformaw mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament dwar l-Ispazju.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj>).

² Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj>).

- (3) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra³ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (4) Il-Ftehim bejn l-Ukraina u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata⁴ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2007.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698⁵ tistipula r-responsabbiltajiet li għandhom jiġu eżerċitati mill-Kunsill u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”) biex tiġi evitata theddida għas-sigurtà tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha jew biex tiġi mitigata ħsara serja għall-interessi essenzjali tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha li tirriżulta mill-iskjerament, l-operazzjoni jew l-użu ta' sistemi stabbiliti u s-servizzi pprovduti taħt GOVSATCOM, bħala komponent tal-Programm spazjali tal-Unjoni, jew tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, jew fil-każ ta' theddida għall-operazzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawk is-sistemi jew għall-forniment ta' dawk is-servizzi.

³ ĠU L 161, 29.5.2014, p.3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2014/295/oj.

⁴ ĠU L 172, 5.7.2005, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2005/481/oj.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 tat-30 ta' April 2021 dwar is-sigurtà tas-sistemi u s-servizzi skjerati, operati u użati taħt il-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/496/PESK (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 178, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/698/oj>).

- (6) Il-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-komponent GOVSATCOM tal-programm spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u l-aċċess tal-Ukrajna għas-servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, ser jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-rwol tal-Ewropa bħala attur globali u għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa. Ftehim mal-Ukrajna ser isaħħaħ il-pożizzjoni strateġika tal-Unjoni, f'konformità mal-istrateġija spazjali tal-Unjoni Ewropea għas-sigurtà u d-difiża.
- (7) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim mal-Ukrajna li jistabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ftuħ ta' negozjati għal ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-Ukrajna li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm spazjali tal-Unjoni u fil-programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura huwa b'dan awtorizzat.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan maħtura bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

Id-direttivi ta' negozjati li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni huma b'dan indirizzati lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

In-negozjati għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Ispazju, li huwa b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 218(4) TFUE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
